# AVVIŻ – <u>SAJF 2019</u> – SKEDA TAL-ĠBIR TAL-ISKART FIN-NADUR

Wara li fl-aħħar snin inbidlet l-iskeda tal-ġbir ta' skart domestiku bieb bieb, u anke ġiet introdotta l-ġabra tal-iskart organiku, issa l-Kunsill Lokali jixtieq javżakom dwar bidla fl-iskeda għax-xhur tas-Sajf 2019.

Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali ġie deċiż li **<u>mis-Sibt, 6 ta' Lulju, sas-Sibt 28 ta' Settembru</u>**, **tiżdied ġabra oħra tal-borża s-sewda** (skart imħallat), **kull nhar ta' Sibt**. Din il-borża trid toħroġ qabel sad-9.00 ta' filgħodu.

Dan wara li smajna u evalwajna dak li għedtulna intom ir-residenti matul ix-xhur li għaddew, u anke fid-dawl tal-fatt li fis-sajf hemm tendenza li l-iskart iżomm aktar irwejjaħ. Però r-raġuni ewlenija għal din il-ġabra żejda hija ż-żieda fil-popolazzjoni tar-raħal fis-Sajf, speċjalment fl-appartamenti, farmhouses u postijiet oħra, li kienet qed tirriżulta fi skart barra matul il-ġranet tal-weekend.

Filwaqt li nittamaw li tapprezzaw din id-deċiżjoni li qed nieħdu favur ir-residenti, infakkrukom li l-ebda borża ma hi ser tinġabar jekk mhux fil-ġurnata hekk kif indikata.

Grazzi tal-kooperazzjoni tagħkom.

---

# NOTICE – <u>SUMMER 2019</u> – NADUR WASTE COLLECTION SCHEDULE

Following the changes to the door-to-door domestic waste collection schedule in recent years and the introduction of organic waste collection, the Local Council would like to inform you of changes to the schedule for the summer months of 2019.

In its last meeting, the Council decided that from **<u>Saturday 6th July to Saturday 28th September</u>**, there will be **an additional collection day for black bags** (mixed waste) **every Saturday**. On these days, black bags are to be placed outside before 9:00am.

This decision was taken after evaluating the suggestions brought forward by the residents and also in light of the fact that mixed waste is more likely to emit stronger smells in the summer months. However, the primary reason for adding a collection day is the increase in our town's population during summer, particularly in rental apartments and farmhouses which often resulted in having waste bags left outside during the weekend.

We are sure you will appreciate this recent decision aimed at raising standards for our residents.  We also remind you that the different waste bags will only be collected strictly according to the schedule.

Thank you for your cooperation.

